31994D0315

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-30 ta' Mejju 1994
li tirrigwarda l-pożizzjoni komuni ddefinita fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tirrigwarda t-tnaqqis tar-relazzjoniet ekonomiċi mal-Haiti

(94/315/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu J.2 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 917 (1994) adottata fis-6 ta' Mejju 1994 mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

1. Għandhom jiġu mnaqqsa r-relazzjonijiet ekonomiċi mal-Haiti skond id-dispożizzjonijiet mandatorji rilevanti tar-riżoluzzjoni 917 (1994) adottata fis-6 ta' Mejju 1994 mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw mingħajr dewmien il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri amministrattivi meħtieġa sabiex jiffriżaw il-fondi u r-riżorsi finanzjarji riferiti fil-paragrafu 4 ta' din ir-riżoluzzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fit-30 ta' Mejju 1994

Għall-Kunsill

Il-President

G. MORAITIS